**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 155/17 AGV**

AB

vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata martu huma separati ai termini ta' sentenza datata 2 ta' Dicembru 2015, hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi ai termini tal-istess sentenza, ir-rikorrenti inter alia gie ordnat li jhallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (400) kull erba' gimghat lill-intimata;
3. Illi mit-trapass tal-iffirmar tal-kuntratt, inbiddlu c-cirkostanzi tal-introjtu tar-rikorrenti u l-intimata, b' dan li l-introjtu tal-intimata jezorbita dak li gie dikjarat minnha precedentament;
4. Illir-rikorenti mnhabba dac-cirkostanzi, jinsab fi stat finanzjaru prekarju, fil-waqt li l-intimata ghandha introjtu li jezorbita dak tar-rikorrenti;
5. Illi in vista ta' dis-sitwazzjoni, jehtieg li jsir aggustament fil-hlas tal-manteniment kontribut mir-rikorrenti, b' dan li d-dritt tal-intimata li tircievi manteniment minghad ir-rikorrenti ghandu jigi rivedut;
6. Illi ghalkemm ir-rikorrenti intavola l-proceduri appoziti ta' medjazzjoni sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata, ma ntlahaqx ftehim (Dokument B), u ghalhekk kellha tigi ntavolata dil-kawza.
7. Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti hawn esposti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgboha;

1. Tirrevedi u konsegwentament telimina, jew alternattivament, tirriduci l-ammont tal-mantenimen , pagabbli mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimata martu.
2. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun sabiex is-sentenza datata 2 ta' Dicembru 2015, vigenti bejn il-partijiet, tirrifletti l-varjazzjoni hawn miltuba;

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija ngunta ghas-subissjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta,CD datata 24 ta' Lulju 2017, fejn ecepixxiet bir-rispett u kkonfermat l-istess;

1. Illi dawn il-fatti taht dikjarati hi tafhom personalment.
2. Illi kuntrajru ghal dak asserit mill-attur, ic-cirkostanzi tal-introjtu tal-eccepjenti, ma inbiddlu xejn u l-introjtu taghha baqa' l-istess kif kien qabel giet pronunzjata s-sentenza ghar-rikors gurmanentat nru: 191/2011 AL, fit-2 ta' Dicembru 2015.
3. Illi l-unika bdil fl-introjtu taghha sehh biss bis-sahha ta' dak deciz fis-sentenza tat- 2 ta' Dicembru 2015. F' dar-rigward pero', l-esponenti tirrileva illi l-attur dejjem kien tardiv fil-pagamenti tal-manetiment, u biex hija qed thallas is-somma ta' € 46, 587.36 kif ordnat fl-istess sentenza kellha tirrikorri ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq il-paga tal-attur u dis-somma qed tithallas bil-mod il-mod.
4. Illi dwar l-allegazzjoni tal-attur li nbiddlu c-cikrostani tal-introjtu taghha, huwa jehtieg li jgib prova ta' dak li qed jghid, stante li sa fejn taf l-eccepjenti, l-introjtu tieghu ghadu l-istess kif gie pprovat li kien fil-mori tal-proceduri li wasslu ghas-sentenza ghar-rikors guramentat nru; 191/2011 AL, datata it- 2 ta' Dicembru 2015.
5. Salv id-dritt tal-eccipjent li tissoleva eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Rat li l-attur, minkejja li nghata diversi opportunitajiet mill-Qorti, naqas milli jipprezenta affidavit tieghu;

Rat ix-xiehda tal-attur moghtija fit-8 ta' Mejju, 2018;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju, fejn ukoll l-attur naqas milli jressaq provi;

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru, 2018, fejn il-Qorti, wara li rat dawn in-nuqqasijiet tal-attur, iddikjarat il-provi tieghu maghluqa;

Rat ix-xiehda tal-konvenuta, moghtija quddiem din il-Qorti, fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2019;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta talba tal-attur ghal revizjoni ta' manteniment li kien deciz fil-kawza ta' separazzjoni bejniethom permezz ta' sentenza datata 2 ta' Dicembru, 2015, Rik. Gur. Nru 191/11AL. F'dik is-sentenza, il-Qorti kienet ipprovdiet ghall-hlas ta' manteniment fis-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) kull erba' gimghat. L-attur odjern, li f'dik il-kawza kien kontumaci, ma kienx appella minn dik is-sentenza, u sena w nofs wara, f'Gunju 2017, ipprezenta din il-kawza.

L-attur jghid li mid-data tas-sentenza hawn fuq imsemmija sal-prezentata ta' dawn il-proceduri, ic-cirkostanzi tieghu nbidlu u d-dhul tieghu naqas. Ghalhekk jispetta lill-attur jindika lill-Qorti dan it-tibdil fic-cirkostanzi tieghu, u jressaq provi in sostenn tat-talbiet tieghu, biex il-Qorti tikkonsidra jekk ghandhiex tvarja l-ordni ghall-hlas ta' manteniment gia' moghti permezz tas-sentenza hawn fuq citata. Mill-provi prodotti mill-partijiet, assolutament ma jirrizultaw ebda estremi biex il-Qorti tvarja l-parti operattiva ta' dik is-sentenza fejn gie ordnat il-hlas ta' manteniment, kif hawn fuq spjegat. L-attur naqas ripetutament milli jressaq prova wahda dwar tibdil fic-cirkostanzi tieghu li setghu jwasslu ghal tali varjazzjoni. L-unika prova li ghandha quddiemha l-Qorti hi x-xiehda tal-attur stess, li ma jaghti ebda raguni ghall-kawza tieghu. Ma jressaq ebda prova li d-dhul tieghu inbidel.

Ma gie prezentat ebda dokument li jsahhah it-talba tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, ma kien hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-attur, u ma kien hemm ebda nuqqas ta' dhul jew telf finanzjarju min-naha tieghu. B'dawn il-provi neqsin ghal kollox minn xi sustanza, il-Qorti ma tistax hlief tichad it-talbiet tieghu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Imhallef**
**Onor. Imhallef Anthony Vella**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**